MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-5 ta' Jannar, 2007

Numru 440/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur Martin Sammut**
**Spettur Carmelo Abdilla**
**V**

**HABTOM TESEMA BERHEA**
**OMISSIS**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **HABTOM TESEMA BERHEA** ta' hamsa w ghoxrin sena bin Tesema u Mullu, imwieled l-Eritrea, nhar l-ewwel ta' Jannar 1981 u residenti 51A, Triq l-Isptar, il-Belt Valletta, detentur tal-karta tal-identita numru 31839A kien gie mressaq quddiemha akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer nhar d-disgha ta' Mejju 2006 ghal habta tat-tmienja neqsin kwart ta' filghaxija fi Triq San Gorg, fi Pjazza Spinola, San Giljan, gewwa l-ghassa tal-pulizija ta' San Giljan u/jew fil-vicinanzi:

1. Ingurja, hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' PS 1244 Nicolai Sant u PC 52 Emanuel Agius, persuni nkarigati skond l-ligi minn servizz pubbliku waqt li jkunu jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;

2. Talli attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb kontra PS 1244 Nicolai Sant u PC 52 Emanuel Agius, persuni nkarigati skond l-ligi minn servizz pubbliku filwaqt li jkunu jagixxu ghal esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond l-ligi mill-awtorita kompetenti;

3. Talli kkaguna feriti ta'natura hafifa fuq il-gisem ta' PS 1244 Nicolai Sant kif ccerifikat mit-Tabib Doctor Marika Caruana MD tal-Gzira Health Centre;

4. Talli kkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-gisem ta' PC 52 Emanuel Agius skond kif iccertifikat mit-tabib Doctor Marika Caruana MD tal-Gzira Health Centre;

5. Talli voluntarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe uniformi tal-pulizija u radio tal-pulizija liema hsara hija ta' iktar minn ghaxar liri izda inqas minn hamsin lira maltin ghad-dannu tal-Kummissarju tal-Pulizija u l-Gvern ta' Malta;

6. Talli voluntarjament kiser l-bon ordni jew il-kwiet tal- pubblika;

7. Talli ma obdiex l-ordnijiet legittimi ta' PS 1244 Nicolai Sant u PC 52 Emanuel Agius, persuni nkarigati minn servizz pubbliku jew ma jhallihomx jew fixkilhom waqt li kienu qed jaghmlu d-dmirijiet taghhom jew b'xi mod iehor, bla jedd jindahal fi dmirijeithom billi ma hallihomx jaghmlu dak li b'ligi jkunu ordnati jew jistghu jaghmlu, jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor ikun ghamel skond l-ligi, jew b'xi mod iehor;

8. Talli ghamel reat iehor fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza liema sentenza nghatat mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) nhar t-tnejn ta' Frar 2006, liema sentenza hija definittiva u ma tistax tinbidel;

9. Talli rrenda ruhu recidiv b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) nhar t-tnejn ta' Frar 2006 liema sentenza hija definittiva u ma tistax tinbidel.

Rat l-atti kollha tal-kawza w d-dokumenti kollha esibiti fosthom l-kunsens tal-Avukat Generali datat ghaxra ta' Mejju 2006 esibit a fol 5 tal-atti bhala dokument CA 1, sabiex din il-kawza, fin-nuqqas t'oggezzjoni da parti tal-imputat Habtom Tesema Berhea, tigi trattata bi procedura sommarja.

Semghet lil imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u dan kif jirrizulta a fol 9 tal-atti u cioe meta sar l-ezami ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta nhar l-ghaxra ta' Mejju 2006.

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-prosekuzzjoni, lil imputat jixhed minn jeddu b'mod voluntarju kif wkoll lix-xhieda prodotta mid-difiza.

Semghet lil partijiet jittrattaw il-kawza fis-seduta tat-tnejn w ghoxrin ta' Novembru 2006 [fol 147].

Ikkunsidrat:

Illi nhar l-hmistax ta' Mejju 2006 **xehed l-Ispettur Martin Sammut** [fol 20], fejn qal li fid-disgha ta' Mejju 2006, ghal xi t-tmienja ta' filghaxija kien gie nfurmat minn PS 1244 Nicolai Sant li kien ghadu kemm arresta zewg minn nies ta' nazzjonalita barranija fuq incident li kellhom mal-pulizija. PS 1244 Nicolai Sant spjegalu li ftit tal-hin qabel, xi sebgha w nofs jew it-tmienja neqsin kwart ta' filghaxija, kienu marru l-ghassa San Giljan, zewg spetturi tal-karozzi tal-linja, certu Oreste Fenech u siehbu, fejn talbu l-assistenza tal-pulizija minhabba l-fatt li kien hemm zewg minn nies li kienu reqdin fil-karozza tal-linja tar-rotta

numru 63 u dawn, barra li kienu reqdin hemmhekk, kienu wkoll xurbana. PS 1244 Nicolai Sant qallu li kienu ghamlu tentattiv biex inizzluhom minn fuq il-karozza tal-linja pero ma kienx irnexxielhom. Qal li s-surgent infurmah wkoll li kien mar hu u PC 52 Emanuel Agius u meta marru biex jqajjmu lil dawn iz-zewg minn nies inqala argument verbali pero wiehed minnhom, li sussegwentement irrizulta li kien Omar Osman Omar, nizel wahdu minn fuq tal-linja filwaqt li l-iehor, l-imputat odjern Habtom Tesema Berhea, ma riedx jinzel u anke sar vjolenti fil-konfront tal-pulizija.

Ix-xhud kompla jghid li PS 1244 Nicolai Sant kien qallu li huma u jippruvaw jnizzlu lil dawn t-tnejn minn nies minn fuq tal-linja, l-imputat Habtom Tesema Berhea beda jxejjer idejh u anke laqat xi passiggieri fuq l-istess karozza tal-linja. Qal li sussegwentement dawn t-tnejn irrezistew l-arrest u habtu wkoll ghal pulizija tant li PC 52 Emanuel Agius spicca b'xi hsarat fil-qmis tal-uniformi u fir-radio tal-pulizija. Qal li ghalhekk hu ordna li kemm l-imputat odjern Habtom Tesema Berhea kif wkoll Omar Osman Omar, li rrizulta li kellhom status ta' refugjati hawn Malta, jibqghu arrestati ghal aktar investigazzjoni. Qal li kien informa wkoll lil Magistrat tal-ghassa, Dottor Joseph Cassar minhabba l-arrest taghhom.

Ix-xhud zied jghid li wara kien gie mghoddi zewg certifikati medici minhabba li kemm PS 1244 Nicolai Sant kif wkoll PC 52 Emanuel Agius kienu sofrew xi griehi u kienu marru c-Centru tas-Sahha tal-Gzira biex jigu ezaminati. Qal li dawn iz-zewg ufficjali gew ezaminati minn Doctor Marika Caruana li rrilaxxjat certifikat mediku liz-zewg ufficjali tal-pulizija li kienu qed isofru minn feriti ta' natura hafifa.

Qal li l-ghada filghodu, hu u l-Ispettur Carmelo Abdilla kienu tkellmu mal-imputati li gharaf presenti fl-awla, u hadulhom stqarrija. Qal li l-ewwel ma tkellem kien ma l-imputat Habtom Tesema Berhea u dan rrilaxxja stqarrija fil-lingwa Ingliza peress li hu stess pprefera li jixhed fil-lingwa Ingliza, u dan wara li nghata s-solita twissija. Dan l-imputat kien spjega li l-jum ta' qabel wara nofsinhar kien ma habib tieghu, Omar Osman Omar, l-Belt Valletta, fejn jirrisjedu. Qallu li kienu fil-George Bar, l-Belt Valletta,

jixorbu l-inbid u wara qabdu karozza tal-linja lura ghax-xoghol fejn jahdmu fil-Fortina Hotel, Tas Sliema. Qallu li waqt li kien fuq tal-linja, raqad u ma ftakarx x'kien gara aktar. Ix-xhud staqsa lil imputat Habtom Tesema Berhea jekk kienx minnu li kellu xi argument mal-ispetturi tal-karozza tal-linja u rrisponda fin-negattiv. Staqsih jekk kienx jaf li kienu marru l-pulizija w irrisponda fin-negattiv wkoll. Lanqas ma kien jaf li nqala xi argument mal-pulizija jew li aggredixxa lil pulizija.
Ix-xhud esibixxa l-istqarrija tal-imputat Habtom Teseema Berhea li giet mmarkata bhala dokument MS [fol 24]. Esibixxa wkoll certifikat mediku rilaxxjat minn Doctor Marika Caruana f'isem PS 1244 Nicoli Sant li gie mmarkat bhala dokument MS 2 [fol 28] u certifikat mediku iehor rilaxxjat mill-istess tabiba fil-konfront ta' PC 52 Emanuel Agius li gie mmarkat bhala dokument MS 3 [fol 29].

Nhar l-hmistax ta' Mejju 2006, **xehed l-Ispettur Carmelo Abdilla** [fol 30] fejn ikkonferma l-firma tieghu u dik tal-Ispettur Martin Sammut fuq l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat Habtom Tesema Berhea mmarkata bhala dokument MS a fol 24 tal-atti, wara li nghata wkoll s-solita twissija, liema stqarrija hu kien ghazel li jiffirma.

Nhar l-hmistax ta' Mejju 2006, **xehed PS 1244 Nicolai Sant** [fol 32] fejn qal li nhar d-disgha ta' Mejju 2006, ghal xi t-tmienja neqsin kwart ta' filghaxija, hu kien stazzjonat l-ghassa San Giljan meta certu Oreste Fenech, li hu spettur mal-ADT talab l-assistenza tal-pulizija. Qal li hu mar fuq il-post fejn sab li fuq xarabank kien hemm xi nies fosthom l-imputat odjern Habtom Tesema Berhea, li gharaf presenti fl-awla, li kien rieqed u anke kellu riha ta' xorb w ipprovaw jqajjmuh. Zied jghid li rnexxielu jqajjem lil siehbu Omar Osman Omar u dan nizel mix-xarabank, pero lil imputat Habtom Tesema Berhea m'irnexxielux jqajjmu w ghalhekk qal lil Omar Osman Omar sabiex jipprova jqajjmu hu, u wkoll dan m'irnexxielux.

Ghalhekk, kompla jghid x-xhud, iddecidew li jerfghuh u jnizzluh mix-xarabank huma. Qal li kif kienu ser jerfghu lil imputat Habtom Tesema Berhea, dan imbuttahom u laqat lil PC 52 Emanuel Agius fuq imniehru filwaqt li baqa jxejjer

idejh u jolqot n-nies li kien ghad hemm fix-xarabank. Zied jghid li l-imputat Habtom Tesema Berhea bezaq f'wicchom waqt li beda jimbuttahom, w ghamlilhom xi griehi lilu f'idu x-xellugija u lil kollega tieghu f'saqajh. Xehed li dan l-imputat beda jhedded li kien ser imur l-habs ghal ghomru minhabba fihom u fil-fatt kellhom jintervejnu l-pulizija tal-lock up biex jikkalmaw s-sitwazzjoni. Qal li kemm hu kif wkoll l-kollega tieghu kellhom imorru l-poliklinika fejn gie rilaxxjat lilhom certifikat ghal griehi li garrbu. Ikkonferma li d-dokument MS 2 huwa c-certifikat mediku li gie rilaxxjat fil-konfront tieghu minn Doctor Marika Caruana.

Nhar l-hmistax ta' Mejju 2006, **xehed PC 52 Emanuel Agius** [fol 34] fejn qal li nhar d-disgha ta' Mejju 2006, ghal xi t-tmienja neqsin kwart ta' filghaxija, hu kien stazzjonat l-ghassa San Giljan meta xi hin ghajjatlu siehbu PS 1244 Nicolai Sant u talbu sabiex jassistih fuq xarabank peress li kien hemm xi nies li kienu reqdin fuqu. Qal li hu mar fejn din x-xarabank li kienet ipparkjata quddiem l-ghassa u sab wiehed minn dawn in-nies u cioe lil imputat Habtom Tesema Berhea, li gharaf presenti fl-awla u lil certu Omar Osman Omar, li kien barra filwaqt li l-imputat Habtom Tesema Berhea kien ghadu rieqed fuq ix-xarabank. Qal li hu flimkien ma PS 1244 Nicolai Sant u Omar Osman Omar, ippruvaw jqajjmu lil imputat Habtom Tesema Berhea pero m'irnexxielhom w ghalhekk iddecidew li jerfghuh u jnizzluh mix-xarabank huma. Qal li matul dan il-process, l-imputat Habtom Tesema Berhea ma riedtx iqum ghalkemm siehbu stess beda jipprova jqajjmu. Qal li ghalkemm qalulu ghal darba, darbtejn biex iqum, dan ma riedx. Qal li meta qabduh biex iqajjmuh, beda jaghti bil-ponn bl-addocc u laqtu fuq imniehru u anke laqat xi passiggieri f'wicchom. Zied jghid li kif nizzluh fit-triq, dan baqa jaghti u laqtu f'siequ li kien ghadu kemm ghamel operazzjoni fiha. Qal li lil imputat Habtom Tesema Berhea ghamluh mal-art w immanettjawh filwaqt li Omar Osman Omar baqa imur hdejhom u jimbuttahom u hu jimbuttah lura kull darba.

Ix-xhud ikkonferma li c-certifikat mediku esibit bhala dokument MS 3, hu dak li gie rilaxxjat minn Doctor Marika Caruana fil-konfront tieghu. Mistoqsi jekk kellux xi hsara

fl-uniformi tieghu, ix-xhud qal li l-imputat Habtom Tesema Berhea kien qattghalu l-uniformi, kissirlu l-molla taghha u ghamillu barxa fir-radio tal-pulizija meta rassu mal-hajt. Zied jghid li meta kienu l-ghassa, lill-imputat Habtom Tesema Berhea dahhluh. Qal li wara li nehhew il-manetti tal-imputat Habtom Tesema Berhea, dan rega' beda jaghmel s-sahha maghhom u bezqilhom wicchom.

Nhar l-hmistax ta' Mejju 2006, **xehed Oreste Fenech** [fol 37] fejn qal li hu jokkupa l-kariga ta' spettur mal-ADT. Qal li nhar d-disgha ta' Mejju 2006, hu kien xoghol biex jiccekkja l-biljetti fuq il-linja numru 64 li tibda mill-Belt Valletta u tispicca s-Swieqi. Qal li hu pprova jqajjem liz-zewg imputati presenti fl-awla, li kienu reqdin, biex jaghtuh l-biljett u ma qamu b'xejn. Qal li fil-fehma tieghu kienu fis-sakra. Qal li ghalhekk ghajjat lil siehbu fuq r-radio sabiex jistennih Spinola Bay u marru l-ghassa biex jitolbu l-assistenza tal-pulizija u dawn marru fuq il-post. Qal li l-ewwel li nizel kien Omar Osman Omar, pero l-imputat Habtom Tesema Berhea baqa ma qamx. Qal li zewg pulizija li kien hemm fuq il-post bdew jippruvaw jqajjmuh bl-ghajnuna ta' Omar Osman Omar, pero dan baqa ma nizilx. Qal li matul dan il-process l-imputat Habtom Tesema Berhea laqat anke xi passiggieri ohra li kien hemm fuq x-xarabank. Zied jghid li meta l-pulizija rnexxielhom inizlu lil imputat Habtom Tesema Berhea minn fuq tal-linja, dan beda jirrezistihom u kien biss wara xi hin li rnexxiehom jimmattejawh. Sadanitant Omar Osman Omar beda jzomm lil pulizija milli jezegwixxu dmirhom. Qal li fl-ebda hin ma z-zewg imputati kellhom il-biljett jew urewh l-biljett u ghalhekk ma kienx jaf f'liema stadju tar-rotta telghu u ma kienx jaf fejn ser jiefqu, ghaliex mieghu qatt ma tkellmu.

Nhar l-hmistax ta' Mejju 2006, **xehed Mahmud Al Atiyat** [fol 39] fejn qal li hu jokkupa l-kariga ta' *insepctor control* fuq x-xarabank. Qal li dakinhar tad-disgha ta' Mejju 2006, kien cempillu fuq r-radio c-chief tieghu Oreste Fenech u qallu li kellu problema fuq tal-linja. Qal li hu kien Spinola Bay dak l-hin filwaqt li Oreste Fenech kien fuq x-xarabank 63 li waqfet fejn l-ghassa ta' San Giljan. Kompla jghid li dahlu l-ghassa jitolbu l-assistenza tal-pulizija peress li kien

hemm guvintur fis-sakra fuq x-xarabank, li wiehed minnhom kien l-imputat odjern presenti fl-awla. Qal li Omar Osman Omar nizel bla problemi minn fuq x-xarabank, pero l-imputat Habtom Tesema Berhea baqa jintelaq u ma qamx.  Qal li s-surgent ma felahx inizzlu wahdu w ghalhekk ghajjat lil kollega tieghu w appena bdew jippruvaw iqajjmuh, dan sar aggressiv u jzomm mas-seat biex ma jinzilx w anke laqat  passiggiera ohra li kien hemm fuq x-xarabank.  Zied jghid li l-pulizija nizzluh l-ghassa u ra lil Omar Osman Omar jimbotta lil pulizija biex ma jhallihomx jaghmlu xogholhom.
Nhar t-tnejn ta’ Gunju 2006, **xehdet Doctor Marika Caruana** [fol 49], li kkonfermat li nhar d-disgha ta’ Mejju 2006, kienet ezaminat lil PC 52 Emanuel Agius detentur tal-karta tal-identita numru 759961M fic-Centru tas-Sahha tal-Gzira fejn irriskontrat li kellu brix u hmura mal-minkeb tax-xellug u tal-lemin, brix w ugiegh fuq l-irkoppa tax-xellug, liema feriti kklassifikat bhala ta’ natura hafifa u li kienu kompatibbli ma daqqiet kif wkoll waqa.  Qalet li huma kompatibbli wkoll ma daqqiet li qala u li ta.  Ziedet tghid li ezaminat wkoll lil Nicolai Sant detentur tal-karta tal-identita numru 759961M fic-Centru tas-Sahha tal-Gzira fejn irriskontrat li kellu brix fuq idejh x-xellugija li huma ta’ natura hafifa.  Qalet li hi lil dawn t-tnejn minn nies biss ezaminat ghaliex il-pulizija ma hadulha ebda Omar Osman Omar jew Habtom Tesema Berhea biex tezamina ghalkemm jista jkun li gew ammessi quddiem xi tabib iehor.

Nhar t-tnejn ta’ Gunju 2006, **xehdet Ivania Balzan** [fol 51], fejn qalet li hi tahdem mal-Identity Cards Section. Qalet li Habtom Tesema Berhea ghandu karta tal-identita bin-numru 31839A u joqghod 51A, Triq l-Isptar, il-Belt Valletta u hu mizzewweg.  Esibit rapport f’dan r-rigward li gie mmarkat bhala dokument Z [fol 53].

Nhar t-tnejn ta’ Gunju 2006, **xehed PS 75 Carmelo Abela** [fol 56] u esibixxa stima ta’ hsarat fi qmis tal-pulizija u ta’ radio tal-pulizija li giet mmarkata bhala dokument X [fol 58].  Qal li dawn il-hsarat jammontaw ghal sebgha w tletin lira u tlieta w ghoxrin centezmu.

Nhar t-tnejn ta' Gunju 2006, **xehed Michael Spiteri** [fol 59] fejn qal li hu jahdem bix-xarabank. Qal li nhar d-disgha ta' Mejju 2006, hu kien bix-xarabank numru 63 mill-Belt ghal Tas Sliema u xi hin tela' l-ispettur jiccekkja l-biljetti minn fejn il-Plaza. Qal li l-ispettur qallu li kellu zewg minn nies reqdin fuq ix-xarabank u li ma riedux iqumu. Qal li hu qal lil ispettur li ma seta' jaghmlilhom xejn u talbu jieqaf fejn l-ghassa ta' San Giljan biex jitlob l-ghajnuna tal-pulizija w hekk ghamel. Qal li l-ispettur nizel minn fuq tal-linja u mar jitlob l-assistenza tal-pulizija. Qal li wiehed minn dawn z-zewg minn nies nizel bil-kelma t-tajba u surgent u pulizija iehor telghu fuq tal-linja biex iqajjmu t-tieni wiehed u dam daqsxejn ma qam.

Qal li dan t-tieni wiehed, beda jifferocja mal-pulizija u jirrezistihom, pero wara qam u hu kompla bir-rotta tieghu. Qal li r-resistenza damet xi tlett jew erbgha minuti.

Qal li dawn t-tnejn minn nies rikbu mill-Belt Valletta u qaghdu fuq n-naha tal-lemin tax-xarabank. Ix-xhud ma kienx f'posizzjoni gharaf minn kienu dawn t-tnejn minn nies. Qal li dak li nizel bil-kwiet minn fuq tal-linja ma semghux jghajjat jew juza xi aggressjoni, anzi mar jghin lil pulizija jqajjmu lil iehor. Qal li matul il-vjagg mill-Belt sa San Giljan, dawn it-tnejn minn nies ma dejjqu lil hadd mill-passiggieri li kien hemm fuq tal-linja.

Nhar d-disgha ta' Gunju 2006, **xehed l-Ispettur Jesmond Borg** [fol 63] fejn ikkonferma li hu kien ressaq lil imputat Habtom Tesema Berhea, li gharaf presenti fl-awla, l-Qorti. Qal li bejn t-tlieta w ghoxrin u l-erbgha w ghoxrin ta' Novembru 2005 waqt li dan l-imputat kien l-Open Centre tal-Marsa, kien hebb ghal PS 154 Brian Caruana, kien gie mressaq il-Qorti u moghti sentenza ta' sena prigunerija sospiza ghal sentejn mill-Magistrat Dottor Anthony Vella nhar t-tlieta ta' Frar 2006. Ix-xhud esibixxa kopja ta' din s-sentenza li giet mmarkata bhala dokument Z [fol 65].

Nhar l-hamsa ta' Lulju 2006 **xehed Doctor Mario Scerri** [fol 74] fejn qal li hu kien gie nominat b'digriet tal-Qorti datat tnejn ta' Gunju 2006, biex jezamina lil imputat Habtom Tesema Berhea u lil Omar Osman Omar. Qal li

t-tnejn li huma kienu allegaw mieghu u mal-Ispettur Martin Sammut, li kien qed jassistih fil-Facilita Korrettiva ta' Kordin fejn kienu qed jinzammu, li xi gimghatejn qabel kienu qalghu xebgha minghand l-pulizija w indikawlu fejn kellhom t-tbengil. Qal li hu ezamina kull post indikat lilu minn dawn t-tnejn minn nies, pero lesjonijiet ma sab xejn. Esibixxa r-relazzjoni tieghu f'dan r-rigward li giet mmarkata bhala dokument MS [fol 76]. Mistoqsi jekk idumu biex jghaddu tbengil fuq persuna, x-xhud wiegeb li jiddependi fejn tkun tali tbengila, f'liema parti tal-gisem u jiddependi wkoll fuq il-*healing powers* tal-persuna koncernata. Qal li meta tjkun hemm tali tbengil fuq persuna ta' *healing powers* normali, dawn iddumu approssivament gimghatejn.

Illi nhar l-hamsa w ghoxrin ta' Ottubru 2006 **xehed l-imputat Habtom Tesema Berhea** minn jeddu b'mod voluntarju [fol 138] fejn ikkonferma li fil-jum in kwistjoni hu kien fuq l-karozza tal-linja ma Omar Osman Oman. Qal li qabel kienu l-Belt fejn hadu xi zwg tazzi nbid qabel rikbu l-karozza tal-linja biex imur ghax-xoghol l-Fortina Hotel. Qal li fuq il-karozza tal-linja marret ghajnu bih u raqad u nesa jinzel Tas Sliema w induna meta waslu San Giljan, meta gew l-pulizija jqajjmuh. Qal li minn hemm 'l quddiem ma jiftakar xejn aktar peress li kien xurban. Qal li dawn il-pulizija bdew jaghtuh fuq l-karozza tal-linja. Qal li l-pulizija li kienu tlieta, bdew ikellmuh pero hu ma fehmhomx. Mistoqsi xi gralu minn meta nizel minn tal-linja sakemm mar l-ghassa, ix-xhud wiegeb li l-pulizija baqghu jaghtuh u hu beda jiddefendi ruhu. Mistoqsi jekk matul dan il-perjodu hu wegghax, ix-xhud wiegeb fl-affermattiv, f'sidru. Qal li anke l-ghassa gie msawwat u l-pulizija poggewh f'cella u tefghulu l-ilma. Qal li l-ghada filghodu qal lil ispettur li kien ghadda l-lejl imxarrab bis-saqqu b'kollox u tawh hwejjeg godda. Qal li hu ma jifhimx l-lingwa Ingliza b'tali mod li jzomm konversazzjoni u ma kien hemm ebda interpretu waqt li kien qed jigi nterrogat. Qal li wara ttella' l-Qorti u gie mehud l-habs.

Ix-xhud ikkonferma li ra lil avukat difensur tieghu Dottor Frank Cassar meta kien il-habs u hemm urih sidru w il-grif li kellu fuqu. Ikkonferma wkoll li l-ghada kien kellmu l-

Ispettur Martin Sammut li staqsih, bl-Ingliz, ghaliex kellu hwejjgu mxarba u kien hu li hadlu hwejjeg godda. Qal li peress li hu jaf ftit bl-Ingliz, ma kienx jaf x'kiteb l-Ispettur fl-istqarrija. Meta l-istqarrija li hu rrilaxxja giet tradotta mill-Ispettur fl-awla sabiex jghid jekk jikkonfermahiex jew le, x-xhud qal li hemm zewg punti li xtaq jikkorregi fiha u cioe meta l-pulizija staqsewh kif spicca l-ghassa, u hu kien irrisponda li kien gie msawwat mill-pulizija u meta gie mistoqsi jekk kienx veru li meta l-pulizija telghu fuq tal-linja hu kien beda jinsulenthom. Ix-xhud spjega li hu kien irrisponda li ma kienx veru, u mhux li kien rieqed u xurban kif hemm miktub. Meta gie muri l-istqarrija esibita, ix-xhud ikkonferma l-firma tieghu fuqu. Qal li l-pulizija kienu qalulu li kienu ser jitilquh u ghalhekk iffirmaha.

Mistoqsi mill-prosekuzzjoni jekk kienx minnu li l-pulizija telghu fuq tal-linja, ix-xhud irrisponda fl-affermattiv. Mistoqsi ghaliex fl-istqarrija tieghu hu kien qal li ma kienux telghu ghaliex ma ftakarx peress li l-pulizija kellmuh bl-Ingliz u hu ma kienx fehem sew. Qal li hu fl-ebda hin ma kellu xi jghid mal-pulizija, kienu huma li sawwtuh. Cahad li laqat xi passiggier meta kien fuq tal-linja. Qal li meta rrilaxxja l-istqarrija hu kien mugugh u kienu l-pulizija li kitbu l-istqarrija.

Fil-sitta ta' Novembru 2006 **xehed Dottor Frank Cassar** [fol 141] fejn ghamel referenza a fol 40A tal-atti processwali u cioe ghal rikors li hu kien ippresenta nhar t-tlieta w ghoxrin ta' Mejju 2006, fejn kien talab lil Qorti tinnomina tabib sabiex jinvista lil imputat waqt li kien detenut l-Facilita Korrettiva ta' Kordin. Qal li xi erbgha jew hamest ijiem qabel hu kien mar jara lil imputat, li gharaf presenti fl-awla, u dan kien qallu, fost affarijiet ohra, li kien gie msawwat mill-pulizija. Qal li l-imputat kien urih il-parti ta' fuq ta' sidru fejn kienu jidhru marki ta' tbengil b'wahda minnhom fil-forma ta' zarbuna. Qal li hu kien staqsih kif spicca b'dawk il-marki fuq sidru, u l-imputat kien wiegbu li dawn kienu gew kagjonati fl-ghassa tal-pulizija ta' San Giljan nhar d-disgha ta' Mejju 2006. Qal li kien ghalhekk hu kien talab tali nomina permezz ta' rikors tat-tlieta w ghoxrin ta' Mejju 2006.

Fit-tlettax ta’ Novembru 2006 **xehed Omar Osman Omar** [fol 144] fejn ikkonferma li nhar d-disgha ta’ Mejju 2006, ghal habta tat-tmienja neqsin kwart, hu kien il-Belt mal-imputat presenti fl-awla, fejn kienu xorbu xi nbid. Qal li dakinhar kellhom xi saghtejn break mix-xoghol u kienu ltaqghu fuq tal-linja waqt li kienu sejrin lura x-xoghol u kienu ghajjenin hafna u raqdu fuq x-xarabank. Zied jghid li meta waslu San Giljan, hu kien inqajjem peress li kien qajjmu x-xufier kif waqaf fit-terminus, pero l-imputat kien ghadu rieqed. Qal li hu pprova jqajjem lil imputat pero dan baqa rieqed. Zied jghid li wara gie s-surgent w ipprova jqajjmu u dan inhasad u qam. Qal li dak l-hin s-surgent taha xi daqqiet zghar lil imputat f’wiccu biex iqajjmu u persss li kif qam, inhasad, hareg idu ma wicc s-surgent u nvoluntarjament laqtu. Zied jghid li wara nizzluhom l-ghassa u gew mitluba l-partikolaritajiet taghhom. Qal li sakemm kienu ghadhom barra l-ghassa, ma gara xejn. Qal li wara firduhom min xulixin lilu u lil imputat u ma kienx jaf x’gara minn. Qal li sussegwentement hu ra lil imputat mal-art w is-surgent talbu biex jirtira l-karta tal-identita tieghu u jitlaq ghax-xoghol. Qal li hu qatt ma ggieled mal-pulizija.

Spjega kif ra lil pulizija jaghti daqqa ta’ sieq lil imputat waqt li kien mal-art w iddejjaq jara dawn l-affarijiet w ghalhekk talab lil pulizija biex jigbru lil imputat ujieqfu jaghtuh, pero l-pulizija baghtuh lil hinn. Qal li hu ghalhekk mar u cempel l-pulizija fil-Floriana biex jghidilhom x’kien qed jigri San Giljan u cioe li l-pulizija kienu qed jhebbu ghal siehbu l-imputat. Qal li wara li spicca jitkellem mal-pulizija rega’ mar hdejn siehbu l-imputat u qalilhom li hu kien cempel l-pulizija fil-Floriana w il-pulizija qabditu minn ghonqu u waqt li bdiet tkellmu hazin, dahlitu gewwa, taghtu daqqa go wiccu u waqqghetu mal-art. Zied jghid li wara lilu haduh d-Depot u raqad hemmhek. Qal li hu fl-ebda hin ma ra lil imputat jerfa idejh fuq xi pulizija u rah biss jolqot lis-surgent meta qajmu w inhasad. Qal li meta l-imputat kien mal-art, kien imdawwar b’xi hames pulizija.

In kontr’ezami ix-xhud qal li hu ra lil imputat niezel minn fuq x-xarabank mghejun minn pulizija mhux wahdu. Qal li ma jiftakarx kemm dam l-imputat biex qam u nizel minn

fuq tal-linja. Qal li sakemm dam fuq ix-xarabank, l-imputat m'ghamel xejn, hlief li ta daqqa lil pulizija li qajmu fil-presenza tieghu stess. Ix-xhud qal li ma jiftakarx kemm kien hemm distanza bejn l-ghassa u l-post minn fejn nizlu minn fuq x-xarabank. Qal li minn meta nizlu minn fuq x-xarabank sakemm waslu l-ghassa, l-imputat ma ghamel xejn u mexa mal-pulizija. Qal li kien fl-ghassa tal-pulizija li gara dak li gara.

Ikkunsidrat ulterjorment:

Illi mill-provi prodotti, l-Qorti hija rinfaccjata b'zewg versjonijiet tal-fatti, dik esposta mill-prosekuzzjoni li tghid li l-pulizija ezekuttiva ttentat tqajjem lil imputat minn fuq x-xarabank ghal habta tas-sebgha w nofs ta' filghaxija u dan ma riedtx iqum u spicca aggressiv maghhom tant li beda jinsulenthom, jheddidhom u anke kellu jispicca mmanettjat ghaliex irrezista l-arrest legittimu taghhom. Minn naha l-ohra, hemm il-versjoni tal-fatti kif esposti mill-imputat li jghid li verament kien rieqed fuq x-xarabank u li gie mqajjem mill-pulizija pero li nvoluntarjament gholla idejh u laqat lil xi pulizija.

Id-difiza tghid wkoll li kien l-imputat li qala diversi daqqiet minghand il-pulizija ezekuttiva u mhux li kien hu li ta.

Illi l-prosekuzzjoni ressqet bhala provi taghha lil istess zewg ufficjali tal-pulizija li spiccaw feruti u bl-uniformi mqatta biex jixhdu u jispjegaw dak li effettivament kien gara.

Illi l-versjoni taghhom hija sa certu punt ikkonfermata mill-ufficjal tal-ADT Oreste Fenech u Mahmud Ali Atiyat, kif wkoll mis-sewwieq tax-xarabank Michael Spiteri li lkoll qalu li l-pulizija ppruvaw iqajjmu lil imputat u kien l-imputat li kien aggressiv maghhom. Illi c-certifikati medici esibiti mill-ufficjali tal-pulizija wkoll jikkonfermaw l-feriti subiti minnhom u minn ezami tad-dokument 'X' esibit fl-atti jirrizulta wkoll l-hsarat li kien hemm fl-uniformi u radio tal-pulizija.

Illi l-imputat jghid li verament kien rieqed u li laqat lil ufficjal tal-pulizija izda dan involuntarjament ghaliex kien qam ghal gharrieda. Illi huwa ma jghid xejn dwar t-theddid li tkellmu fuqu l-ufficjali, jghid biss li gie msawwat.

Din l-allegazzjoni ta' swat fuq l-imputat, il-Qorti ma thossx li ghandha wisq referenza f'din il-kawza ghaliex huwa l-imputat biss li hu akkuzat u mhux l-ufficjali tal-Korp w ghalhekk semmai, messu sar rapport fil-konfront taghhom. Illi d-difiza qatt ma sostniet li l-imputat ta xi daqqiet sabiex jiddefendi ruhu mill-aggressjoni vjolenti tal-pulizija ghalkemm qalet li l-imputat qatt ma ta daqqiet.

Illi fil-fehma tal-Qorti, l-akkuzi jirrizultaw ppruvati fl-intier taghhom.

Il-Qorti rat l-fedina penali tal-imputat Habtom Tesema Berhea [fol 6] u minn ezami tal-istess jirrizulta li ghandu registrat fuqha reat wiehed li sehh fit-tnejn ta' Frar 2006 dwar resistenza fuq ufficjal pubbliku, m'obdiex l-ordni legittima u hebb ghal stess, harba mill-kustodja tal-pulizija, hsarat voluntarji, ksur ta' bon ordni u li kien fis-sakra fejn inghata piena ta' sena prigunerija sospiza ghal sentejn w ghalhekk minhabba din l-istess sentenza, fejn l-imputat kien gie akkuzat bl-istess tip ta' reati, il-Qorti thoss li m'ghandhiex tkun klementi mieghu fl-ghoti tal-piena.

**Il-Qorti** ghalhekk wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 28A, 49 u 50, 95, 96, 221, 325, 338(dd)(ee) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, **tiddikjara li ssib lil imputat HABTOM TESEMA BERHEA hati tal-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu u tikkundannah b'mod komplessiv ghal piena karcerarja ta' tmien [8] xhur mill-lum.**

**Tordna ulterjorment li s-sentenza moghtija mill-Qorti fl-ismijiet premessi nhar t-tnejn [2] ta' Frar 2006 fejn l-imputat gie kkundannat sena prigunerija tigi reza operattiva.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------